**23 ta' April, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

John Tufigno

*versus*

Joseph Micallef ne.

**Danni — "Spray" ta' Cars**

*In tema ta' kompensazzjoni ta' danni l-attur għandu kemm jis-*

*ta jkun jiġi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx kaġunata l-ħsara.*

*F'liema każi l-attur li jkollu karozza li tkun ġiet danneġġjata, jista jitlob li dik il-karozza tiġi moghtija "spray" kollha kemm hi, u mhux il-parti danneġġata biss.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi fl-10 ta' Settembru, 1963 truck tal-marka Bedford kopert b'polza ta' assikuarazzjoni "third party full" tad-ditta konvenuta, b'negliġenza tal-persuna li kienet qed issuqu, daħlet fil-karrozza tal-attur tal-marka "Hillman" numru 16470 u kkaġunalha danni konsiderevoli, u li d-ditta konvenuta aċċettat u assumiet ir-responsabilita għal dawn id-danni — talab li għar-raġunijiet premessi, jiġi kundannat minn din il-Qorti li jħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata favur l-istess attur għad-danni riportati fl-istess karrozza, kif ukoll għad-danni konsegwenzjali, li qed isofri u li jista' jsofri l-attur minħabba li ġie privat mill-użu tal-karrozza in kwistjoni, liema danni jiġu likwidata, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eċċepixxa illi huwa ma jopponix ruħu għat-talba tal-likwidazzjoni tad-danni naxxenti mill-inċident in kwistjoni, u dovuti skond il-liġi;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Diċembru, 1963, li bih Edgar Felice ġie nominat bħala perit biex jistma d-danni lamentati mill-attur wara li jekk ikun hemm bżonn jieħu konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku maħlufa fil-11 ta' Diċembru, 1963 flimkien mal-verbali tas-seduti miżmuma quddiemu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Jannar, 1965 li biha iddeċidiet billi kkundannat lill-konvenut li jħallas lill-attur l-ammont tad-danni likwidati ċioe tmienja u għoxrin lira (£28) għal spray ta' karrozza kollha u tmien liri (£8) għal kiri ta' 'car': sitta u tletin lira (£36) kollox, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, wara li kkunsidrat:

Illi l-espert fuq imsemmi wasal għall-konklużjoni illi oltre tmien liri għall-kiri ta' karrozza da parti ta' l-attur li skond ftehim bejn il-partijiet debitament verbalizzat fis-seduta tal-20 ta' Diċembru, 1963 il-konvenut obbliga ruħu illi jħallas lill-attur, il-konvenut kellu wkoll iħallas a titolu ta' danni għoxrin lira mit-tmienja u għoxrin lira (£28) tal-kont totali għal li spray tal-karrozza; jiġifieri l-attur kellu jħallas tmien liri bħala kontribuzzjoni għal dak li gawda fi żmien tliet snin minn mindu kienet sprejata l-aħħar darba l-istess karrozza;

Il-konvenut ma għamel ebda osservazzjoni għal konklusjonijiet peritali fil-waqt illi l-attur baqa' jsostni illi huwa xejn ma għandu jikkontribwixxi għaż-żebgħa tal-"car" tiegħu;

Tikkunsidra illi l-'car' ta' l-attur kif irriżulta mill-provi kien ġie milqut waqt li kien qiegħed ipparkjat minn truck li kien ħarab għan-niżla. L-attur kien xtara l-'car' ġdida fil-1955 pero kien reġa' żebgħu tliet snin qabel il-ħabta l-istess kulur kif kien qabel, cioe speċi ta' krema. Il-'car' in konsegwenza tal-ħsara li sofra kellu bżonn li jerġgħu jiżbgħulu dawn il-parts cioe: luggage boot, lid and compartment, panel taħt il-luggage boot, iż-żewġ mudguards ta' wara, iż-żewġ bibien ta' quddiem, radiator grill surround, radiator grill u bieba. L-attur ried li jiġi miżbugħ il-'car' kollu billi l-Manager tal-Continental Car Co. fejn kien ħa l-'car' għat-tiswija ma satax jiggarantilu li l-kulur jiġi jaqbel billi ż-żebgħa tal-

'car' kienet bjadiet, u anqas ma sata' jiggarantilu li tibqa' taqbel. Il-konvenut għall-kuntrarju ma riedx iħallas għaż-żebgħa kollha.

Il-perit insista li l-'car' ma kienx ġdid u li kien inżebaħ mill-ġdid tliet snin qabel il-ħabta u kwindi l-attur kien diġa ħa ċerta utilita minn din iż-żebgħa, u insista li ż-żebgħa l-ġdida ma setgħetx tiġi għal kollox imqabbla mhux għaliex ma kienx hawn żebgħa Malta jew ma kienx hawn min huwa attrezzat biex jagħmel dan ix-xogħol, deherlu li ma huwiex sewwa li l-attur isib ruħu f'posizzjoni aħjar milli kien qabel il-ħabta u ssuġġerixxa illi l-attur ibati tmien liri mill-kont kollu ta' tmienja u għoxrin lira.

Il-Qorti hija tal-fehma li r-raġunament tal-perit sata' jkun aċċettabbli kieku l-ħsara li ġarbet il-karozza ta' l-attur kienet żgħira illi d-differenza fil-kulur ma kienetx tkun notata, imma meta wieħed jikkunsidra illi hemm parti sostanzjali tal-'car' bil-ħsara, l-attur ma għandux ikun kostrett jibqa' b'"car' b'żebgħa li ma taqbilx jew li jħallas de proprio biex tissewwa l-ħsara kollha.

Huwa anti-ġuridiku illi min ikun qiegħed jitlob id-danni għandu bil-fors de proprio jħallas somma ta' flus. Hekk għalmet il-Qorti ta' l-Appell, Sedi Inferjuri in re "Mallia vs. Formosa" 28 ta' Settembru, 1949 Kollez. attur Vol. XXXIII, P. I paġ. 846. U meta Andrew Gibb u Ralph Millner fil-"The Trial of Motor Car Accident Cases" paġ. 231, para. 339 taħt it-titolu "Measure of Damages when the car can be repaired" dwar il-konsiderazzjoni illi l-attur jista' jsib ruħu f'kondizzjoni aħjar milli kien qabel il-ħabta, jirrispondu u testwalment jgħidu: "The owner is entitled to a complete repair of all damage done although the result may be to ren-

der the car more valuable than before the collision." Għal-hekk fil-fehma tal-Qorti l-attur huwa intitolat għall-kont kollu ta' li spray cioe tmienja u għoxrin lira mingħajr ebda kontribuzzjoni da parti tiegħu.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata billi tibqa' ferma għat-tmien liri (£8) għall-kiri ta' 'car', li ġew ammessi, iżda tiġi revokata għall-ammont tad-danni likwidati għal li-"spray painting" fis-somma ta' £28 billi dan l-ammont jiġi ridott għas-somma ta' li "spray painting" tal-parti danneġġjata biss tal-karrozza, kif tiddetermina din il-Qorti: u l-kap ta' l-ispejjeż jiġi riformat fl-istess proporzjon, bl-isppejjeż ta' l-appell kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż ta' l-appell.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni w ikkunsidrat'—

L-unika kwistjoni quddiem din il-Qorti hi jekk l-appellant għandux jinżamm responsabbli għall-ħlas kollu ta' £28 għaż-żebgħa bli 'spray' tal-karrozza kolħha jnkella jekk għandux ibati parti min dik l-ispiża l-appellat. Il-perit ġudizzjarju kien issuġġerixxa illi l-appellant joħroġ £20 u t-£8 l-oħra joħroġhom l-apellat. L-appellant prim'istanza, jidher li kien akkwista ruħu għal dik l-opinjoni tal-perit ġudizzjarju. L-appellat pero baqa' jsostni illi hu ma għandu jbati xejn mill-ispiża u l-ewwel Onorabbli Qorti tagħtu raġun.

Donnu jidher ċar illi l-appellant ressaq din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti mhux tant għat-£8 li huma direttament involuti f'din il-kawża, iżda aktarx għax jidhirlu li hemm involut prinċipju.

Il-Qorti pero taħseb illi ma tistax verament tistabilixxi

ebda prinċipju applikabbli dejjem għal kasijiet kollha ta' din ix-xorta ta' spraying ta' cars danneġġjati ħlief dak 'n ġenerali in tema ta' kompensazzjoni għad-danni cioe illi l-attur għandu kemm jista' jkun jiġi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx kaġunata l-ħsara.

Hawnhekk l-appellant għażel li jittratta hu direttament ma' l-appellat li l-car tiegħu ġiet danneġġjata mill-assigurat. L-appellant assuma *l-posizzjoni ta' l-assigurat* u ammetta '-ħtija ta' l-assigurat u r-responsabbilta tiegħu għad-danni: u l-unika kwistjoni li baqgħet bejn l-appellant u l-appellat hi biss dik, kif intqal, dwar l-ispiża ta' 'spray painting'.

Il-kwistjoni għandha tiġi rigwardata mill-punto di vista *tar-responsabbilta li l-assigurat li kkaġuna l-ħsara kollha* lejn l-appellat. Hu kien obbligat li jindennizza lill-appellat — sa fejn hu rilevanti għall-kwistjoni quddiem il-Qorti — għat-telf illi n-negliġenza tiegħu ikkaġunatlhi u l-ispejjeż li l-appellat kellu jagħmel minħabba l-ħsara (art. 1088 Kodiċi Ċivili).

Il-Qorti hi ta' fehma illi fil-kas preżenti jista', kif irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti, raġunevolment jingħad illi l-ħtieġa ta' li spraying tal-karrozza kollha inqala bħala riżultat dirett tal-ħsara u li għalhekk l-appellant hu tenut għall-ħlas ta' dik l-ispiża kollha. Fil-kawża "Lawrence Zammit vs. Joseph Borda noe" (App. Kumm. 28-11-1958), din il-Qorti, b'konferma tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, kienet akkordat lill-atur l-ispiża ta' li spraying ta' parti biss mill-karrozza. Imma f'dak il-każ il-ħsara li kienet ġrat lill-karrozza kienet minima u kien ġie suġġerit mod li bih il-lewn taż-żebgħa sata' jitqabbel b'mod illi dik tal-parti miżbugħa mill-ġdid ma kienitx ser tkun tistona mall-kumplament tal-

karrozza. Il-Qorti f'dak il-każ allura rriteniet illi b'dak il-mod il-ħsara kienet ser tiġi sostanzjalment imsewwija u bil-ftit differenza li kien ser ikun hemm fil-lewn taż-żebgħa ma kienx, fil-prattika, ser ikun hemm preġudizzju rilevanti.

Fil-każ presenti, pero, dawn il-konsiderazzjonijiet ma jidhrux applikabbli. Hawn il-ħsara fil-karrozza ta' l-appellat kienet rilevanti u f'diversi partijiet imxerrdin mal-karrozza kollha: b'mod illi, kieku kellhom jiġu miżbugħin mill-ġdid, b'żebgħa anki mhux wisq differenti, il-partijiet imsewwin biss, it-tirqiegħ kien ikun ħaġa li bilfors tagħti sewwa fil-għajn. B'dak il-mod għalhekk ma kienx ikun jista' jingħad illi l-appellat ġie, anqas sostanzjalment, reintegrat. Il-ħtieġa illi l-karrozza tinżebagħ kollha inqalgħet bħala riżultat dirett tal-ħsara kaġunata lilu mill-assigurat u għalhekk, kif qalet sewwa l-ewwel Onorabbli Qorti, mhux ġust illi l-appellat ibati hu nnifsu parti mill-ispiża meħtieġa biex dik il-ħsara tiġi riparata kif jixraq. Jekk qabel il-ħsara iż-żebgħa kienet xi ftit sbjadita, kienet pero uniformi. Għax grat il-ħsara ħtija ta' l-assigurat, l-appellat ma għandux ikun kostrett jew li jaċċetta karrozza b'żebgħa li tidher minnufih imraqqa f'diversi bnadi jew iħallas parti mill-ispejjeż biex jerġa' jakkwista l-uniformita li kellu qabel.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, fil-parti devoluta lilha, bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant.